



Brussell, 14 ta' Jannar 2025
(OR. en)

17052/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0325(NLE)

ECOFIN 1523
FIN 1137
UEM 488
CADREFIN 225

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Ċipru

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Ċipru**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b' mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”, recovery and resilience plan) ta’ Ċipru fis-17 ta’ Mejju 2021, il-Kummissjoni pproponiet lill-Kunsill biex jagħtih valutazzjoni pożittiva. Fit-28 ta’ Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-deċiżjoni ta’ implimentazzjoni (“id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Lulju 2021”)². Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Lulju 2021 ġiet emendata bid-deċiżjonijiet ta’ implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta’ Diċembru 2023 u tas-16 ta’ Lulju 2024³.
- (2) Fil-25 ta’ Ottubru 2024, Ċipru għamel talba motivata lill-Kummissjoni biex jagħmel proposta biex jemenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Lulju 2021 f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP ma għadux jista’ jinkiseb għalkollox minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta’ dan, Ċipru ppreżenta RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP li ressaq Ċipru minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw żewġ miżuri.

² Ara d-dokumenti ST 10686/21 u ST 10686/21 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

³ Ara d-dokumenti ST 15571/23, ST 15571/23 ADD 1, ST 15571/23 ADD 1 COR 1, ST 11806/24 u ST 11806/24 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

- (4) Ċipru spjega li emenda żewġ miżuri biex jiġu implimentati alternattivi li jiksbu l-ambizzjoni oriġinali tal-miżura aħjar. Dawn jirrigwardaw l-istadju importanti 48 tal-miżura C2.1I10 (Is-Sistema ta' Ġestjoni tas-Suq biex jiġi ffaċilitat il-ftuħ tas-suq tal-elettriku għall-kompetizzjoni) taħt il-komponent C2.1 (In-newtralità klimatika, l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli) u l-istadju importanti 140 tal-miżura C3.3R4 (Id-disinn u l-ħolqien ta' Aġenzija Promozzjonali Nazzjonali) taħt il-komponent C3.3 (Appoġġ għall-konnettività fin-negozju). Ċipru spjega li l-emenda proposta tal-miżura C2.1I10 hija dovuta għan-nuqqas ta' tħejjija tal-parteċipanti fis-suq u minħabba l-ħtieġa li jiġu riflessi s-sejbiet tal-analiżi tal-valutazzjoni *ex ante* għall-miżura C3.3R4. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li dawk l-istadji importanti u d-deskrizzjoni tal-miżuri jiġu emendati. Barra minn hekk, Ċipru talab li l-istadju importanti 48a taħt il-miżura C2.1I10 (Is-Sistema ta' Ġestjoni tas-Suq biex jiġi ffaċilitat il-ftuħ tas-suq tal-elettriku għall-kompetizzjoni) taħt il-komponent C2.1 (In-newtralità klimatika, l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli) jiżdied. Ċipru spjega li l-emendi proposti se jiżguraw li l-parteċipanti jkunu mħejjija biex jipparteċipaw fis-suq kif ukoll li r-regolatur ikun jista' jiddikjara l-operazzjoni tas-suq kummerċjali bl-ewwel tranżazzjoni finanzjarja bħala kompluta. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

- (5) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati minn Ċipru jiġġustifikaw l-emendi skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (6) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (7) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi li ppreżenta Ċipru ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għal Ċipru rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Valutazzjoni pożittiva

- (8) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni tal-RRP emendat, meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jsir disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (9) Il-kost totali stmat tal-RRP emendat ta' Ċipru huwa ta' EUR 1 220 971 974. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP modifikat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għal Ċipru, il-kontribuzzjoni finanzjarja stabbilita f'konformità mal-Artikolu 20(4) tar-Regolament (UE) 2021/241 allokata għall-RRP emendat ta' Ċipru jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 1 020 223 681.
- (10) L-appoġġ fl-għamla ta' self li sar disponibbli għal Ċipru li jammonta għal EUR 200 320 000 jibqa' l-istess.
- (11) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Ċipru hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat ta' Ċipru abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti relatati mat-twettiq tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni ttiprovdi aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

- (2) l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Ċipru.

Magħmul fi..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
